9 ta' Diċembru, 1946.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Toni Micallef**

## Bejgħ ta' Oġġetti bi Prezz Ogħla minn dak fissat mill-Liġi.

*Il-fatt li wieħed ibiegħ oġġett bi prezz ogħla minn dak stabbilit mill-liġi, imma fl-istess ħin jiċċarġja xi ħaġa "extra" għaliex flimkien ma' dak l-oġġett jissupplixxi xi servizz li jkun mhux simulat jew fittizju, u lanqas aleatorju ossija problematiku, u li ma jkunx obligatorju, ma jikkostitwix evażjoni tal-liġi li ffissat dak il-prezz. Għax dik l-"extra" titħallas ta' dak is-servizz barrani li jiġi provdut flimkien mal-bejgħ ta' l-oġġett; u barra minn dan, min jixtri dak l-oġġett jista' jixtri lilu biss u jħallas tiegħu biss, u mhux obligat li jipprevalixxi ruħu minn dak is-servizz u jħallas dik l-"extra".*

*Fil-każ preżenti, il-konvenut kien jissupplixxi l-birra fl-istabbiliment tiegħu bil-prezz tal-Green. Fl-istess stabbiliment kien iżomm "cabaret show", u min kien jattendi għal dik ix-"show" kien jiġi ċarġjat "extra" fuq il-konsumazzjonijiet li kien jieħu waqt ix-"show", mentri min kien jidħol f'dak l-istabbiliment seta' jieħu l-birra biss mingħajr ma jattendi għax-"shows" u hekk iħallas il-prezz tal-birra biss mingħajr dik l-"extra". Il-Qorti rriteniet li b'hekk il-proprjetarju ta' dak l-istabbiliment ma kienx qiegħed jikser il-liġi li kienet tipprojbixxi l-bejgħ ta' oġġetti bi prezz ogħla minn dak stabbilit mill-liġi.*

Fuq l-imputazzjoni illi f'Tas-Sliema, fil-14 u fid-19 ta'

Settembru 1946, biegħ birra bi prezz ogħla minn dak fissat mil-liġi, l-imsemmi Toni Micallef b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-16 ta' Ottubru 1946, ġie misjub ħati u kundannat għall-multa ta' £5;

Fuq l-appell ta' l-imputat, wara li semgħet il-provi u t-trattazzjoni, din il-Qorti rriflettiet;

Il-każ hu ta' ċerta importanza għall-prinċipju li jimplika;

Il-fatti ma jidhrux li huma kuntrastati. L-appellant hu l-proprjetarju ta' l-istabbiliment "Empire Bar" f'tas-Sliema. F'dan l-istabbiliment ikun hemm anki, mis-sitta sal-ħdax ta' bil-lejl, orkestra u "varieties non stop", speċi ta' "cabaret show". Issa, hemm avviżi esposti fl-istabbiliment, f'postijiet kospikwi, bil-lista tal-prezzijiet tax-xorb, fosthom il-birra. Dawn il-prezzijiet huma, almenu għar-rigward tal-birra (materja ta' dan il-każ), skond dawk tal-Gvern, jiġifieri 9d. il-flixkun (ara Order 80 ta' l-1945, Gazzetta tal-Gvern 29. 5. 45). F'dawn l-avviżi jingħad, fil-ġenb, "20% House charges, Orchestra, etc.". Dan ifisser illi, għal min jieħu l-konsumazzjonijiet fil-post fejn hemm ix-"show", hemm "extra", konsistenti fil-perċentwali tal-20%. Fil-lokal hemm anki bar tax-xorb separat, fejn min jieħu x-xorb ma jistax jara l-"cabaret show", u f'dan il-bar ma jitħallasx ebda "extra", u l-lista hija dik biss tal-prezzijiet tal-Gvern, bla "extra". L-appellant qal (u ma hemmx raġuni illi, partikolarment bil-għoli tal-prezzijiet tal-lum, wieħed jiddubita l-asserzjoni tiegħu) illi l-ispejjeż tal-"cabaret show" jiħqulu mal-£15 kuljum;

Ma hux kontrastat li fil-ġurnata, jew aħjar ġranet, in kwistjoni, l-appellant fil-fatt biegħ birra bil-11¼d., wvoldiri 9d. plus 2¼d. ta' l-extra (20%);

Il-punt hu jekk b'daqshekk kiserx il-liġi;

L-Avukat tal-Kuruna Anzjan osserva fit-trattazzjoni illi fl-Order ma hemm ebda distinzjoni dwar jekk, flimkien mal-birra, ikunx hemm anki servizz ieħor, u li l-maximum huwa fissat f'termini assoluti. Dan l-argument ma jimpressjonax lill-Qorti, għaliex hu faċili li wieħed jirribatti billi jgħid li fl-Order ġie fissat il-prezz tal-birra, jiġifieri dak li wieħed għandu jħallas għal flixkun birra, u mhux għal ħaġa oħra wkoll. Difatti, ir-regolament nru. 6 ta' l-Order 83 ta' l-1940 (li fuqu, "inter alia", hi bażata l-imputazzjoni odjerna) jir-

riferixxi għall-maximum price "fixed in respect of any commodity, u "commodity", skond il-klawsola interpretativa ta' l-istess Order 83 ta' l-1940, tfisser "any article ordinarily sold to the public". Hu ċar għalhekk illi l-prezz massimu, fissat fl-Order 80 ta' l-1945 fuq imsemmi, jirriferixxi għal dik il-"commodity" (birra), u mhux għax-"show" tal-"cabaret" ukoll;

Il-Qorti hi ta' fehma illi l-veru "approach" għall-problema ġuridiku involut f'dan il-każ hu dan. Kieku l-"extra" kien qiegħed jitħallas għal xi ħaġa li hi simulata, jew fittizja, jew aleatorja, ossija problematika (bħalli kieku għal xi biljett li jista' eventwalment jintitola l-possessur rebbieħ għal xi premju), allura kien ikun il-każ li wieħed jirritjeni illi si tratta ta' ripjeg biex tiġi evaża l-liġi dwar il-fissazzjoni tal-maximum price. Anzi, kieku l-konsumatur, ta' bilfors u mhux b'xelta tiegħu, jinsab obligat iħallas l-extra sabiex jista' jieħu l-"commodity" in kwistjoni, u għalhekk, konversament, ma jistax jieħu l-"commodity" bla ma jinkorri fl-extra, hawn ukoll wieħed kien ikun leġittimat jirritjeni illi si tratta ugwalment ta' ripjeg "in fraudem legis". Imma, meta dak li għalih qiegħed jitħallas l-extra hu ħaġa ġenwina, li teżisti verament u "actu", u li għaliha qiegħda tiġi indubbjament inkorsa spiża mill-bejjiegħ tal-"commodity", fil-każ in ispeċje "cabaret show", u meta l-konsumatur jista' billi minflok joqgħod fid-"dance hall" imur fil-bar separat, u jieħu biss il-konsumazzjoni, bla ma jara anki x-"show", iħallas biss il-prezz tal-Gvern, allura ma jidherx li hu leċitu li wieħed igħid li b'daqshekk qed jiġi miksur l-Order tal-Food and Commerce Control Officer. Ma għandux ir-regolament tal-prezz jiġi indebitament estiż, fl-interpretazzjoni tiegħu, sal-pont li jneħħi d-dritt ta' min jieħu konsumazzjoni (e.g. flixkun birra) li jgawdi fl-istess ħin spettakolu ta' "varieté", jekk irid iħallas "extra" tiegħu; kif min-naħa l-oħra ma jidherx lanqas ekwu li min iħallas biss l-ekwivalent ta' flixkun birra għandu jgawdi, b'xejn, spettakolu li għalih is-sid jinkorri spiża. Lanqas jista' dan jiġi ovvjat billi jingħad li, jekk is-sid irid jevita dan l-inkonvenjent, jista' jneħħi l-"varieté", għaliex ir-regolament tal-prezzijiet, miżura ekonomika sana minħabba x-"short supply" tal-"commodities", ma jistax jiġi snaturat,

fl-interpretazzjoni tiegħu. filli jikkolpixxi attivitajiet oħra kummerċjali;

Anki ċ-ċirkustanza li spettakolu simili hu *ta' xorta tali* li jarmonizza ma' stabbiliment tal-ġeneru ta' dak ta' l-appellant tikkostitwixxi argument favur l-istess appellant. Kien ikun hemm, infatti, motiv biex wieħed igħid li hemm evażjoni tal-liġi kieku l-"extra" kien għal xi ħaġa totalment estranea għall-ġeneru ta' l-istabbiliment;

Lanqas ta' min jittraskura l-*forza* ta' l-*argument*, sempliċi u ovvju, iżda effikaċi, illi għandha raġjonevolment issir differenza bejn il-każ ta' min ibiegħ flixkun birra biss, u xejn aktar, bi prezz ogħla minn tal-Gvern, u min mal-flixkun birra jipprovvedi spettakolu ta' "cabaret" u jiċċarġa extra tiegħu bħala "quid pro quo";

Għal dawn *il-motivi din il-Qorti tiddeċidi*;

Billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-appellant mhux ħati, u tilliberah.